# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **129/2018**

**SUSANNE ROSSI U CLAUDIA CALLEJA**
[K.I.. NRU. 418164M U 207876M RISPETTIVAMENT]

***VERSUS***

**NILARA LIMITED**
[REG. NRU. C-62524]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' April, 2018 fejn l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma komplessiva ta' disa' mija, erbgha u erbghin ewro (€944.00c) rapprezentanti servizzi ta' reklamar u *marketing* kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Tali cifra tirrapprezenta €800.00c bhala l-prezz ta' l-imsemmija servizzi, filwaqt li €144.00c jirrispekkjaw taxxa fuq il-valur mizjud (VAT). L-atturi talbu wkoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju, 2017) u l-imghaxijiet legali;

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 (*a fol*. 11) u la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza appena msemmija.

Gie prezentat kapitolu mill-attrici fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 u l-kawza giet differita ghall-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2018, fejn il-konvenuta baqghet ma dehritx biex twiegeb ghalih. Fid-dawl ta' tali omissjoni, n-nota tal-mistoqsijiet kien jisthoqqilha tigi emmnuta u ghalhekk, fl-imsemmija udjenza, l-istess ittiehdet bhala mistqarra (ara verbal *a fol*. 14).

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Apparti tali mezz ta' prova (i.e., s-subizzjoni), it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjoni mwettqa minn Susanne Rossi fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018, u cioè: "*It-Tribunal sema' lill-Attrici Suzanne Rossi illi bil-gurament taghha, moghti seduta stante, iddikjarat illi l-ammont mitlub f' dawn il-proceduri, cioe' EUR944 ghadu interament dovut mill-Konvenuta lill-Atturi u illi mill-bidu ta' dawn il-proceduri sal-gurnata tal-llum l-istess Socjeta' qatt ma wettqet pagamenti tal-istess ammont. Suzanne Rossi ikkonfermat ukoll id-dokument a fol. 2 tal-process u gharrfet lit-Tribunal illi tali dokument huwa l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri. Suzanne Rossi ikkonfermat ukoll bil-gurament id-dokument a fol. 3 tal-atti illi jirraprezenta l-invoice mahrug mill-Atturi lill-Konvenuta, illi ghadha ma hallsitx, fl-ammont ta' EUR944*." (ara *a fol*. 12 ta' l-atti).

Mill-assjem tal-provi rakkolti in atti rrizulta li t-talba ta' l-atturi hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal ma ghandux mis-sewwa. Ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-atturi huwa interament dovut mill-kumpannija konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' disa' mija, erbgha u erbghin ewro (€944.00c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €800.00c (u mhux fuq €944.00c, stante li €144.00c minnhom jirrapprezentaw VAT, ossia import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imghaxxijiet a favur ta' l-atturi) dekorribbli mis-sejha gudizzjarja odjerna (i.e., 3 ta' April, 2018) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha tal-proceduri u dawk ghalihom accessorji, inkluz ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju, 2017, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*